MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 546/2004

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Vs**

**Joseph Fabri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentata minn Joseph Fabri fit-13 ta' Ottubru 2004 fejn wara illi ppremetta illi pemezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 2004, il-Kummissarju ta' l-Art ai fini ta' l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili nnotifika lir-rikorrent b'dikjarazzjoni guramentata fejn interpellah sabiex fi zmien jumejn ihallsu s-somma ta' elf, tliet mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm1,386) dovuta bhala kera ta' Flat 3, Entrance E, Appartamenti 21/9/1964 San Gwann ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 1996 sat-30 ta' Settembru, 2004.

Illi fl-istess ittra ufficjali, l-esponenti gie mwissi illi fin-nuqqas illi fin-nuqqas ta’ hlas jew oppozizzjoni skond l-imsemmi artikolu 466, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet jghaddi ghall-hrug ta’ mandati ezekuttivi kontra l-esponenti skond il-ligi.

Illi l-gbir ta’ kera arretrati dovuta mis-16 ta’ Settembru 199 sas-16 ta’ Settembru 2004 hija esagerata.

Illi l-azzjoni ghall-hlas tal-kera dovuta mill-1 ta’ Jannar 1996 sal-15 ta’ Settembru 199 hija preskritta ai termini tal-ligi.

Talab lil din il-Qorti:

Sabiex a tenur ta’ l-imsemmi artikolu 466 tal-kap. 12, tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet fil-konfront tieghu kif kontenuta fl-ittra ufficjali tas-16 ta’ Settembru 2004 u fid-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet fejn wiegeb:

Illi l-esponenti qieghed jipprezenta r-risposta tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 466(3) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi s-somma pretiza fl-ittra ufficjali tas-16 ta’ Settembru 2004 hija dovuta kollha kemm hi stante illi d-dipartiment qatt ma rcieva l-ebda pagament ghall-perjodu imsemmi ;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti biex tichad l-allegazzjonijiet mill-intimat.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Fabri ;

Rat il-verbal ta’ l-10 ta’ Mejju, 2006 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap ta’ preskrizzjoni mqajjma minn Joseph Fabri;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Ill din l-azzjoni hija konsegwenza ta' ittra ufficjali maghmula mill-Kummissarju ta' l-Artijiet ghall-gbir ta' kera minn Joseph Fabri li jkopri perijodu mill-1 ta' Jannar 1996 sat-30 ta' Settembru, 2004, liema ittra ufficjali tkun giet reza esekuttiva jekk l-intimat ma jaghmilx dawn il-proceduri quddiem il-Qorti. F'din l-istanza, fost affarijiet ohra, Joseph Fabri qieghed jilmenta illi parti mis-somma mitluba mill-Kummissarju ta' l-Artijiet hija preskritta u li l-parti l-ohra hija esagerata u nvoka favur tieghu l-Artikolu 2156(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi Fabri jikri minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet il-fond numru 3, Entrance E, Appartamenti 21 ta' Settembru 1964, San Gwann bil-kera ta' tlieta u sittin lira Maltin (Lm63) fis-sena. Fabri dahal fil-kera xi tnax-il sena ilu u l-ahhar li hallas skond l-affidavit tieghu stess, kien fl-1995. Wara dak iz-zmien qatt ma gie nterpellat biex ihallas xi kera u l-ewwel darba illi sar xi att gudizzjarju ghall-gbir tal-kera kien proprju l-ittra ufficjali msemmi fir-rikors.

Ir-rikorrent odjern Fabri jinvoka favur tieghu l-Artikolu 2156 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippreskrivi terminu ta' hames (5) snin ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' kera ta' bini jew ta' raba.

Kif irrizulta mill-provi, l-ammont li qieghed jitlob il-Kummissarju ta ' l-Artijiet ikopri l-perijodu mill-1 ta' Settembru 1996 sas-16 ta' Settembru 2004. Ghalhekk, il-kera li tkopri l-perijodu mill-1 ta' Settembru 1996 sal-15 ta' Settembru 1999 hi ormai preskritta, peress illi l-ittra ufficjal ggib id-data 16 ta' Settembru 2004.

Peress li din il-Qorti qeda tillimita s-sentenza taghha fuq il-kap ta' preskrizzjoni, tista' tiddikjara dan il-perijodu preskritt, izda thalli l-kumplament tal-perijodu u cioe' mis-16 ta' Settembru 1999 sas-16 ta' Settembru 2004

impregudikat sabiex tigi deteminata wara s-smiegh tal-provi dwar dan il-perijodu.

Ghalhekk, il-Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrent fejn jirrigwarda l-perijodu mill-1 ta’ Settembru 1996 sal-15 ta’ Settembru 1999, liema perijodu hu ormai preskritt u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet ma jistax issa jitlob hlas illi jkopri tali perijodu u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi.

Spejjez ta’ dan il-gudikat kontra l-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------